**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

12 ta' Diċembru, 2021

# ONE LAP TO GO!

Meta kont żgħir konna mmorru naraw it-tiġrijiet taż-żwiemel. Wara kull lap li jdur iż-żiemel, in-nies kienu jsiru iktar tense. Min kien ikollu ż-żiemel fuq quddiem, iktar kien jimtela bit-tama tar-rebħa. U xħin il-kummentatur kien jgħajjat "one lap to go!" arahom in-nies iqumu bilwieqfa, jgħajtu u jinkoraġixxu lill-jockey u anke liż-żiemel! Fil-Ħadd li ġej, 19 ta' Diċembru nibdew l-aħħar lap għall-Milied. Sadanittant dan il-Ħadd li qegħdin fih, 12 ta' Diċembru, aħna l-qassisin nilbsu pjaneta roża, biex infissru l-ferħ tagħna li resqin lejn il-Milied, jiġifieri Ġesù ġej! Għalkemm Ġesù ġie meta twieled minn Marija, ta' kull sena niċċelebraw l-anniversarju tat-twelid ta' Ġesù.

Il-Milied niċċelebrawh sewwa meta nħallu lil Ġesù fin-nofs, bejn il-baqra u l-ħmara. Anke dawn iż-żewġ annimali ġwejdin dis-sena ħadu tifsira ġdida wara dan is-sajf ta' estremi ta' sħana kbira, nixfa u xita bil-qliel f'postijiet differenti fid-dinja. Iva, anke l-ħmara u l-baqra qed jgħidulna nibżgħu għalihom billi nħallulhom ftit tiben x'jieklu u ftit ilma x'jixorbu. U aħna x'għandna bżonn? Il-Milied huwa fil-qrib. L-ewwel nett fil-qalb tagħna għandna nħossu l-ferħ ta' dan il-jum, Jum il-Gaudete (ifirħu!) kif kienu jsejħulu fl-imgħoddi. Ma' dan il-bullettin li għandek f'idejk se tirċievi l-programm tan-Novena tal-Milied, tal-lejl tal-Milied u tal-Kwaranturi. Biex il-ferħ tagħna ma jonqosx ejjew nidħlu f'sintonija ma' Ġesù. Ejjew niċċelebraw in-novena, ejjew nispiċċaw is-sena f'riġlejn Ġesù Ewkaristija, ejjew indewwu lil qalbna bil-qrar (il-ħinijiet tal-qrar issibuhom fil-programm).



Ġesù ġie għal kulħadd. Għalina lkoll. Għalik. Ġesù ġie minn ħdejn il-Missier biex jiltaqa' magħna. Tgħid ma għandniex ftit umiltà u tama biex nersqu pass lejh?

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻI:**

**IL-LAQGĦAT TAL-PJAN PASTORALI GĦAL DIN IL-ĠIMGĦA:**

**It-Tnejn 13 ta' Diċembru 2021, fis-7:00pm fil-Knisja Parrokkjali:** mistiedna l-membri tal-Kumitat Kulturali Reliġjuż, membri fl-Għaqda Ħbieb tal-Presepju u membri fil-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira u anke persuni li jieħdu sehem fil-purċissjoni.

**Il-laqgħa li kellha ssir nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru issa se ssir il-Ġimgħa 17 ta' Diċembru 2021, fis-7:00pm fil-Knisja Parrokkjali u għaliha se jkun hemm preżenti l-Isqof Anton Teuma:** mistiedna l-membri fil-Kunsill Parrokkjali, membri fil-grupp tal-Caritas, persuni li jgħinu fil-produzzjoni u fid-distribuzzjoni tal-Bullettini, persuni li huma involuti f'Radju Luminaria, fil-websajt u fil-Facebook page tal-parroċċa, il-Bord Editorjali tar-Rivista "Luminaria", voluntiera fl-uffiċċju parrokkjali u anke membri fil-Konfraternità ta' San Pietru u San Pawl.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 15 ta' Diċembru, fis-6:00pm fil-Knisja Bażilika. Se titmexxa minn Mons. Ġużepp Cauchi, li ħadem ħafna mill-qrib ta' Dun Mikiel b'mod speċjali fis-Seminarju. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**IL-MEMBRI TAL-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** javżaw li nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru ser jagħmlu l-ikla tal-Milied fir-restorant Menħir il-Qala, f'nofsinhar. Għall-biljetti kellmu lil Tonina fuq 79923153 / 21553041.

**IS-SORIJIET BAGĦTU JIRRINGRAZZJAWNA:** is-sorijiet tal-Little Sisters of the Poor li għamlu l-ġabra fil-bieb tal-knisja nhar il-Ħadd li għadda, għarrfuna li t-total tal-ġabra laħaq is-somma sabiħa ta' €1,938.34. Minnhom kien hemm €58 li nġabru mill-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Inkomplu nitolbu għalihom.

**BEJGĦ TAL-BOTTIJIET:** nhar is-Sibt li għadda ħadna trakk aluminju għal Malta. Din id-darba kien kważi jikkonsisti kollu f'bottijiet tal-birra u tas-soft drinks. B'kollox daħħalna €715 għall-parroċċa. Grazzi lil kull min qed iġib il-bottijiet. Nirringrazzjaw b'mod speċjali lis-sidien tal-ħwienet fin-Nadur illi joqogħdu jagħżlu l-bottijiet u jġibuhomlna, lil min qed jgħaffiġhom, b'mod speċjali lil Charlie Caruana u lil Leli Grima li offra li jġorr il-materjal kollu għal Malta.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am